***- KOLLIZZJONI -***

***-KAWZA PROSSIMA TAL-INCIDENT -***

***- SORPASS - SKID -***

***- SELF INFLICTED INCAPACITY-***

***-IN THE AGONY OF COLLISION -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru: 9**
**Citazzjoni Numru: 881/99/RCP**

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Sultana sija bil-polza u sia bil-ligi.**

**vs**

**Keith Farrugia**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-10 ta' Settembru, 1998, gewwa Marsalforn, Ghawdex, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru LAA 325 huwa habat mal-karozza numru DAN 275 misjuqa minn Marvic Sultana u propjeta' ta' l-assikurat tal-attur nomine u assikurata taht polza *"comprehensive"* mal-attur nomine.

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi in vista tal-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata mieghu.

Illi d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elfejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,021.50), hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti.

L-istess attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandux jigi ddikjarat minn din l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur noe;

2. M'ghandiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elfejn u wiehed u ghoxrin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2021.50) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement ma ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur noe in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1998, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut *ai termini* tal-Kap 104 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta' Lulju 1999.

Rat il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 t'Awissu 1999.

Rat il-verbal tal-24 ta' Novembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-publikazzjoni permezz ta' gazzetta lokali.

Rat in-nota tal-attur tas-6 ta' Dicembu 1999 fejn permezz taghha esebixxa estratt minn gazzetta lokali u xi dokumenti.

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Vince Galea biex f'seduta wahda jisma l-provi kollha f'dan il-kaz b'dan li l-partijiet ghandhom jipproducu x-xhieda taghhom anke bil-procedura tal-affidavit u halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ostacolo ghad-29 ta' Marzu 2000.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota tal-attur tal-21 ta' Jannar 2000 fejn prezenta affidavit u xi dokumenti.

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2000.

Rat ir-rikors tad-29 ta' Marzu 2000 tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-7 t'April 2000 fejn Dr Audrey Demicoli tat ruhha notifikata bir-rikors tad-29 ta' Marzu 2000 u l-Qorti tat sebat' ijiem zmien ghar-risposta lill-atturi u ddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-istess rikors. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Mejju 2000.

Rat ir-risposta tal-attur nomine tat-12 ta' April 2000.

Rat il-verbali tat-30 ta' Mejju 2000 u tat-28 ta' Gunju 2000.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-30 ta' Mejju 2000.

Rat l-affidavit ta' Keith Farrugia ipprezentat fit-28 ta Gunju 2000.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2000 fejn il-Qorti rat ir-rikors tal-konvenut tat-28 ta' Gunju 2000, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-1 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2000 fejn xehdu Keith Farrugia u Alfred Aldo Farrugia. Dr Demicoli in vista tax-xhieda moghtija ma toggezzjonax li l-konvenut jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet filwaqt li irrilevat li kienet kostretta taghmel dan peress li l-affissjoni ma saritx mill-ufficjal tal-Qorti kif rikjesta mill-ligi. Il-Qorti degretat fis-sens illi rat ir-rikors tal-konvenut Keith Farrugia tat-29 ta Gunju 2000 (fol 59) u in vista tal-provi migbura dwar dan ir-rikors u in vista

li l-affissjoni tal-10 t'Awissu 1999 ma saritx *ai termini* tal-Ligi fir-residenza tal-konvenut, iddikjarat li tali affissjoni hija nulla u bla effett. Bl-ispejjez riservati ghal decizzjon finali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 77 tal-process fejn gie ecceppit:

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fl-fatt u fid-dritt stante li l-kollizzjoni grat b'tort unikament ta' Marvik Sultana li kien qieghed isuq il-vettura Skoda DAN *275* bi *speed* eccessiv u b'mod traskurat tant li kkawza hsara fl-Jeep misjuq mill-esponent ammontanti ghal Lm1300 (elf u tlett mitt lira Maltin).

(2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 77 tal-process;

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Joseph Fenech ghall-konvenut ta' ruhu notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-appuntament tal-kawza u jistrieh fuq l-eccezzjonijiet gia minnu prezentati. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut ta' 40 jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut ghall-24 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota tal-konvenut fejn permezz taghha esebixxa affidavit ta' Alan Galea.

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar 2001 fejn il-konvenut informa l-Qorti li baqghalu bhala xhud lil Malcom Calleja u talab l-ahhar differiment ghall-produzzjoni tal-istess xhud. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-konvenut ghat-13 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tat-12 ta' Marzu 2001 fejn permezz taghha esebixxa affidavit.

Rat il-verbal tat-13 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-30 ta' Mejju 2001 u tat-30 ta' Mejju 2001 fejn Dr Fenech tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001. Dr Audrey Demicoli rrimettit ruhha ghall-provi tal-konvenut.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-azzjoni saret stante li s-socjeta' attrici bhala agent tas-socjeta' assikuratrici estera, li assikurat lill-Victor Sultana, proprjetarju tal-vettura Reg. No. DAN - 275 sostniet li l-incident awtomobilistiku li gara fl-10 ta' Settembru 1998 f'Marsalforn, Ghawdex, sar tort tal-konvenut, li meta dan kien qed isuq l-vettura Reg. No. LAA - 325 huwa minhabba negligenza, traskuragini, u nuqqas

ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat u ikkaguna hsara fil-karozza assikurata mas-socjeta' attrici, li kienet qed tigi misjuqa minn Marvic Sultana.

Illi **Marvic Sultana** xehed li kien qed isuq il-vettura tieghu Reg. No. DAN - 275 meta huwa ghamel *overtaking* tal-karozza misjuqa mill-konvenut Keith Farrugia, qabzu u kif gie ghad-dawra skidja, tkaxkar mal-hajt u l-konvenut dahal go fih kif kien hekk wieqaf, u l-karozza tieghu dahret u spiccat *total loss.*

Illi fl-okkorenza esebita a fol. 6 tal-process u kkonfermata mis-**Surgent 369 Joseph Mizzi** fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea, hemm imnizzel li :-

*"DRIVERS STATEMENT.*

*Car. No. LAA - 325.*

*Whilst driving towards Victoria Car DAN - 275 overtook me from behind and moments later same car braked, dashed against the wall and turned to the middle of the road. Although I tried to eliminate such collision but all was in vain, at the time of the accident I was driving about 50km/h.*

<u>*Car No. DAN - 275.*</u>

*Whilst driving from Marsalforn towards Victoria I overtook a Jeep which was driven in the same direction when all of a sudden my car skidded. Promptly I applied the brakes and my car dashed against the wall, again dashed against a rubble wall and turned in the middle of the road. Then Jeep that I had overtook before dashed against my left side".*

Illi fil-*Brief Description* tal-istess incident hemm li :-

*"It resulted for sure that car DAN - 275 had overtaken JEEP LAA - 325, lost the full control of his vehicle, braked, dashed against a wooden garage door, then against a rubble wall and ended in the middle of the road. Whilst in that position car DAN - 275 was hit by Jeep LAA 325".*

Illi **Alan Galea** fl-affidavit tieghu tat-22 ta' Jannar 2001 sostna li huwa kien passigier fil-karozza misjuqa minn Marvic Sultana ghall-xi 9.45 p.m. isegwu l-karozza ta' Keith Farrugia, meta l-karozza ta' Marvic Sultana qabzet dik tal-konvenut, u kif sabu liwja Marvic Sultana tilef il-kontroll tal-karozza u dahal go hajt u bbawnsja lura u dahlu fil-karozza ta' Keith Farrugia li kienu ghadhom kemm qabzu.

Illi **Malcolm Calleja** fl-affidavit tieghu tad-9 ta' Marzu 2001 sostna li kien passigier fil-karozza tal-konvenut, meta fil-liwja qabzithom karozza li tilfet il-kontroll, habtet mal-hajt, baqghet titkaxxkar mal-hajt u dahlet f'bieb ta' mahzen fuq

ix-xellug, u cioe' in-naha l-ohra tat-triq, bil-konsegenza li l-karozza dahret u waqfet f'nofs it-triq thares lejn Marsalforn, u l-karozza tal-konvenut ma rnexxilux jevita l-istess karozza ghaliex ostakolat it-triq, u wara Marvic Sultana, s-sewwieq tal-karozza li qabzithom ammetta it-tort.

Illi ghalhekk mill-istess provi id-dinamika tal-incident hija wahda pjuttost cara u fil-fatt jirrizulta li l-karozza tal-assikurat tal-attur, misjuqa minn Marvic Sultana kienet qed isegwi lill-karozza tal-konvenut f'Rabat Road, Victoria mid-direzzjoni ta' Marsalforn sejrin lejn Victoria, Ghawdex, meta f'hin minnhom meta wasal fejn l-liwja li hemm fl-istess triq, l-istess Marvic Sultana ghamel sorpass, qabez lill-konvenut u kif wasal fl-istess liwja, ghafas il-brake u skiddja, b'dan li tilef l-kontroll tal-vettura tieghu, habat mal-hajt, tkaxkar mal-hajt, dahal go bieb ta' mahzen u spicca f'nofs it-triq, bil-konsegwenza li spicca f'nofs it-triq u l-karozza tal-konvenut baqghet diehla go fih.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**" deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 (Cit. Nru. 468/93**),** ikkonfermata fis-sentenza **"Emmanuel Genovese vs Mario Borg" -** P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) inghad illi:-

"*f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa*

*kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti"*.

Illi fuq is-suggett ta' sorpass huwa principju generali indikat fil-paragrafu 71 tal-*Higway Code* li:-

*"Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself and to others. Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance".*

Illi bhala regola ghandha tigi segwita ukoll l-manuvra indikata f'paragrafu 73 tal-istess *Highway Code* li tghid:-

*"Before overtaking, give the appropriate signal, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken an return to the appropriate lane or side of the road as soon as practicable after overtaking. Do not cut in sharply infront of the vehicle you have just overtaken".*

Illi fl-ahharnett ghal dak li huwa relevanti ghall-kaz in kwistjoni insibu wkoll li l-paragrafu 74 jipprovdi li:-

*"DO NOT OVERTAKE at or when approaching*

*(i) a pedestrian crossing;*
*(ii) a road junction;*
*(iii) a sharp corner or bend;*
*(iv) the brow of a hill;*
*(v) a hidden dip."*

Illi minn dan kollu jidher li meta wiehed jaghmel sorpass dan ghandu jiehu r-resposabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, tant li f'certu cirkostanzi fuq elenkati fil-*Highway Code,* u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li tigi ttentata l-istess manuvra. **"Atlas Insurance Agency Limited vs Brian Cilia" -** P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001). Fil-fatt f'kaz ta' dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli.

Illi dwar l-iskid jinghad li skond il-gurisprudenza nostrali tali azzjoni hija ghal kollox newtrali, fis-sens li fiha infisha la tindika responsabbilita' u lanqas nuqqas taghha fir-rigward tas-sewwieq tal-istess vettura, izda sabiex wiehed ikun jista' jattribwixxi r-responsabilita' ghas-sewqan f'kaz ta' skid wiehed irid ihares lejn dawk ic-cirkostanzi kollha li kkawzaw l-istess skid, liema cirkostanzi ovvjament imbaghad jindikaw ir-responsabilita' *o meno* fis-sewqan tal-

persuni involuti. **“Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard”** (P.A. RCP. 25 ta’ Jannar 2001).

Illi tenut kont tal-premess u applikati ghac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, jirrizulta li Marvic Sultana ghazel li jaghmel sorpass fuq il-karozza tal-konvenut, b’mod li meta gie biex jidhol f’postu huwa kien wasal ghal speci ta’ liwja, applika l-*brakes*, bil-konsegwenza li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u skidja, u habat mal-hajt, tkaxkar u bl-impatt waqaf f’nofs it-triq; hekk kif kien wieqaf gie milqut mill-karozza tal-konvenut, li ma wiccu sab lill-istess karozza f’nofs it-triq.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti huwa car u ovvju li r-responsabbilita’ tal-istess incident hija dik ta’ Marvic Sultana, li fl-ewwel lok ghamel sorpass u ma kienx kapaci jikkontrolla l-vettura tieghu waqt li kien qed jaghmel tali azzjoni, peress li kif kien diehel f’postu, jew hekk kif dahal f’postu sab li kien dahal f’liwja, u applika l-brake bir-rizultat li ma setghax izomm l-ekwilibru tal-istess karozza, tant li haditu u spicca mahbut, u fit-tieni lok ghazel li jaghmel sorpass f’post perikoluz, ghaliex ma attendiex jew ma tax kaz li kien gej ghal liwja, u ghalhekk ghamel manuvra ta’ *overtaking* f’post li jirrendi l-istess azzjoni aktar perikoluza, u allura azzjoni li tehtieg hafna aktar attenzjoni. Tant huwa minnu dan li ma huwiex konsiljabbli li jsir sorpass f’tali kondizzjonijiet, izda l-istess Marvic Sultana, jew ghaliex ma tax kaz, jew ghaliex ghazel li jirriskja, xorta ghamel l-istess manuvra.

Illi ovvjament tenut kont tal-istess fatti fuq esposti u mhux kontradetti, jirrizulta li l-istess sorpass maghmul b'negligenza u traskuragini kien il-kawza prossima tal-incident, u l-iskid kien ir-rizultat ta' tali nuqqas ta' hsieb da parte tal-istess Marvic Sultana, ghaliex kif appena lesta s-sorpass huwa kellu minnufih japplika l-*brakes* biex iwaqqaf l-i*speed* sabiex jimmanuvra f'liwja, b'dan li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, ghaliex huwa pogga ruhhu f'*self inflicted incapacity* ghaliex ghazel li jidhol jew javvicina l-istess liwja b'velocita' eccessiva wara sorpass.

Illi min-naha tas-sewqan tal-konvenut, dan ovvjament kien miexi normali fi triqtu, ra lill-konvenut jaghmel is-sorpass, jiskidja u jahbat u fl-ahharnett jispicca quddiemu, certament jostakolalu t-triq tieghu, bir-rizultat li habat mal-istess vettura diga mahbuta misjuqa minn Marvic Sultana, li kienet f'nofs it-triq. Jista' jkun li l-konvenut ma ghamilx kollox perfett sabiex jevita l-impatt mal-karozza f'nofs it-triq tal-assikurat tas-socjeta' attrici, pero' certament li l-konvenut b'dak l-ispettaklu quddiemu u *in the agony of collission*, certament ma kienx u ma huwiex mistenni minnu iktar milli ghamel, tenut kont tal-azzjoni gravi li kienet qed isehh f'sekondi u b'tant sahha quddiemu.

Illi fil-fatt imkien mill-provi ma jirrizulta li l-konvenut ghamel xi azzjoni li biha ikkontribwixxa ghall-istess incident, anzi jidher car li kieku l-karozza misjuqa minn Marvic Sultana ma ghamlitx tali sorpass, l-incident lanqas kien biss isehh,

u ghalhekk is-sewqan tal-konvenut qatt ma jista' jitqies li kien il-kawza prossima tal-incident.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** stante li l-incident *de quo* gara minhabba negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' Marvic Sultana, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**